MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 108/2009

**a. Nazzareno; Saviour sija ghan-nom tieghu kif ukoll ghall-hutu imsiefrin Anthony u Consiglio Dok. 'A' kif ukoll ghan-nom ta' huh imsiefrin Carmelo Dok. 'B'; Catherine; Angelo; Emmanuela Montebello ilkoll ahwa Desira wlied il-mejjet Lorenzo Desira kif ukoll ulied il-mejta Carmela Grixti bint il-mejjet Lorenzo w cioe Rita xebba, Connie Chetcuti u Stephen ahwa Grixti;**

**b. Grezzju, Vincent, Carmelo, Joseph ahwa Desira wlied il-mejjet Salvatore kif ukoll ulied huhom il-mejjet Anthony Desira w cioe: Concetta Barbara, Charmaine Izzo u Raymond ulied il-mejjet Anthony Desira;**

**c. Michael ghan-nom tieghek kif ukoll debitament awtorizzat biex jidher ghan-nom ta' ohtu l-imsiefra Mary mizzewga Camilleri ulied il-mejjet Francesco Desira Dok. 'C';**

**d. Rennie sive Renny, Margaret mizzewga bil-kunjom Spiteri, Catherine mizzewga bil-kunjom Forbes u Doris mizzewga bil-kunjom Stevens ulied il-mejjet Spiridione Desira debitament rapprezentati minn Salvatore Desira Dok. 'D';**

**e. Anthony, Joseph, James sive Meme Salvina sive Vivienne mizzewga bil-kunjom Micallef, Vincenza mizzewga bil-kunjom Calleja, Catherine mizzewga bil-kunjom Mallia debitament rappresentata minn Salvatore Desira Dok. 'E', Antonia**

**mizzewga bil-kunjom Cshauckel, Vitorin mizzewga bil-kunjom Barbara, Angela mizzewga bil-kunjom Agius ilkoll ahwa w ulied il-mejjet Angelo Desira;**

**f. Emmanuel; Anthony, u Michael li awtorizzaw lil ohthom Josephine sive Guza mizzewga bil-kunjom Mizzi li qed tidher ghan-nom taghhom kif ukoll personalment Dok. 'F'; Tereza mizzewga bil-kunjom Fenech, kif ukoll ulied Grazia mizzewga bil-kunjom Debono li jisimhom Anna xebba sija ghan-nom taghha sija ghan-nom ta' hutha l-imsiefrin Anthony Tereza mizzewga Pizzuto Dok. 'G' u 'H'; kif ukoll ulied huhom il-mejjet Angelo u cioe' Antonia mizzewga bil-kunjom Borg, Rita mizzewga bil-kunjom Mansueto u Joanne xebba Spiteri kollha fis-sehem tal-wirt ta' Carmela Spiteri xebba Desira;**

**g. Emmanuel, Anthony u Maria xebba wlied il-mejjet Joseph Desira**

**vs**

1. **Giuseppe Seychell ID. 0686132(M) f'ismu propju w in rappresentanza ta' ohtu Emmanuela Camenzuli residenti l-Awtralja; Consiglio Seychell ID. 93642(M) u b'digriet tat-30 ta' April 2012 il-kawza tkompli f'isem Frances Seychell wara l-mewt ta' Consiglio Seychell; Carmena Desira ID. 426644(M); Rita Mercieca ID. 0315946(M) u b'digriet tat-30 ta' April 2012 il-kawza tkompliet f'isem uliedha Silvana Muscat, Dervan Mercieca u Ephron Mercieca wara l-mewt ta' Rita Mercieca; u Catherine Micallef ilkoll fil-kwalita' taghhom bhala eredi universali u successuri in titolu tal-mejta ommhom Rosina Seychell nee Desira;**
2. **Id-Direttur tal-Ufficju Kongunt;**
3. **Id-Direttur tar-Registru Pubbliku;**
4. **Id-Direttur Qrati Civili u Tribunal.**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-6 ta' Frar 2009, l-atturi ppremettew u talbu:-

*Illi l-esponenti huma propretarji ta' art maghrufa bhala 'L-Irqajja' jew 'Il-Miksur' jew 'Tal-Mozz' limiti ta' Marsascala fiz-zona maghrufa bhala 'Ta' San Tumas';*

*Illi dan id-dritt cum titolu ta' propjeta' jirrizulta mill-wirt tal-mejjet Vincenzo Desira li fost il-beni, kellu cens annwu w perpetwu ta' Lm1.50 bhala hlas ta' cens b'lura fuq l-art inkwistjoni;*

*Illi id-de cujus kellu tmien (8) itfal u cioe' Lorenzo, Salvatore, Francesco, Spiridione, Angelo, Joseph, Carmela mizzewga Spiteri w Rosina mizzewga Seychell ilkoll ulied il-mejjet Vincenzo Desira li miet it-13 ta' Marzu, 1969!*

*Illi filwaqt li seba (7) mit-tfal gew nominati werrieta universali tad-de cujus, Rosina Seychell xebba Desira thalliet biss il-legittima. Illi dawn it-tmien (8) itfal huma lkoll mejtin liema dritt/titolu mar favur il-werrieta taghhom!*

*Illi xjentement u b'mod abuziv, ulied Rosina Seychell xebba Desira li jigu l-werrieta taghha ippresentaw <u>cedola ta' depozitu u kontestwalment fidi ta' cens fuq l-art inkwistjoni bin-numru 823/2005</u> fejn permezz tac-cedola taw l-impressjoni li l-art hija taghhom u li dan id-dritt irrizulta mit-testment ta' ommhom li ezibew mac-cedola liema haga serviet bl-iskop car biex il-vera verita' tas-sitwazzjoni tigi evitata w jaghtu x'jifhmu li t-titolu huwa taghhom;*

*Illi f'dan ir-rigward anki l-konsulent legali tas-sinjuri Seychell li kienu inkarigawh biex jaghmel il-fidi, induna wara li fir-realta' l-klijenti tieghu ma qalulux il-verita' liema haga hi kundannabbli ghall-ahhar;*

*Illi qabel ma gie intavolat dan ir-rikors propotorju saru tentattivi amikevoli biex din il-kwistjoni tigi sorvolata w fil-fatt hemm korrispondenza bhala prova ta' dan imma huma xorta baqghu inadempjenti;*

*Illi di piu' gie innutat waqt il-korrispondenza li l-istess sinjuri Seychell ma kellhom xejn informazzjoni w li l-informazzjoni li ghandhom attwalment kien grazzi ghar-rikorrenti biss liema haga se tigi ippruvata waqt it-trattazzjoni tal-kaz. Illi di piu' filwaqt li dan l-aspett gie sollevat, l-istess sinjuri Seychell indikaw li huma stess lanqas ma jafu fejn hi l-art inkwistjoni w talbu l-esponenti biex jindikawlhom fejn hi l-art liema haga tikkonferma n-nuqqas ta' kredibilita' tal-intimati wlied il-mejta Rosina Seychell. Illi di piu', jekk wiehed jezamina c-cedola tal-fidi tac-cens ma taw ebda indikazzjoni permezz ta' site plan fejn hi l-art ghax huma ma jafux fejn bhalma jafu l-esponenti li kellhom jippresentaw dan ir-rikors biex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom!*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, l-atturi jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tordna r-rexxisjoni tac-cedola bin-numru 823/2005 debitament ippresentat fir-registru tal-Qorti Civili, Prim'Awla liema cedola tinsab ukoll f'bnadi ohra kif titlob il-ligi;*

   *Alternattivament*

2. *Jigi dikjarat li ulied il-mejta Rozina Seychell jispetta lilhom biss is-sehem dovut lil ommhom bhala rizultat tal-fatt li hi kellha biss il-legittima.*

L-Ufficcju Kongunt wiegeb (fol. 117):

1. Il-konvenut m'huwiex legittimu kontradittur u ghandu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju.
2. It-talbiet ma jikkoncernawx lil dan il-konvenut u ghalhekk m'ghandux jibqa' parti fil-kawza.
3. Il-pretensjoni dwar it-titolu tal-art hi estranja ghall-konvenut u l-interess tieghu hu biss fid-decizjoni finali dwar min hu s-sid tal-art.
4. Il-konvenut ma ghandux ibati spejjez.

Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali wiegeb (fol. 119):

1. M'huwiex legittimu kontradittur.
2. Fil-meritu l-atturi jridu jaghtu prova tal-kaz taghhom. F'kull kaz ghal dak li jirrigwarda lilu, jirrimetti ruhu ghall-gudizzju tal-qorti b'dan li m'ghandux ibati spejjez.
3. Bla pregudizzju t-talbiet tal-atturi huma nfondati.

Il-konvenuti Seychell wiegbu (fol. 123):

1. It-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
2. Il-fidi sar skond il-ligi u bi dritt.

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti.

**Kwistjoni**.

Il-kaz jitratta dwar cedola ta' fidi ta' cens numru 823/2005 prezentata mill-konvenuti fit-22 ta' Awissu 2005. L-atturi jsostnu li l-aventi kawza ta' Rosina Seychell, cjoe' l-konvenuti, ma kellhom l-ebda dritt li jifdu cens perpetwu ta' Lm1.50 fuq ghalqa maghrufa tal-Irqajja, Marsascala, f'zona maghrufa bhala ta' San Tumas.

**Fatti**.

1. Permezz ta' kuntratt tal-24 ta' Gunju 1909 (fol. 215), Vincenzo Desira akkwista l-utile dominju perpetwu u benefikati ta' porzjon art gewwa z-Zejtun fil-kuntrada tal-Mozz, maghrufa tal-Miksura soggetta ghac-cens perpetwu ta' Lm1.50 b'kejl ta' sebat itmiem. Fil-kuntratt jinghad li l-art hi konfinanti mil-lvant ma' beni ta' Carmelo Grima, punent ma' sqaq.
2. Vincenzo Desira miet fit-13 ta' Marzu 1969 u kellu tmint itfal, wahda minnhom Rosina Secyhell. Hu kien mizzewweg lil Angela Desira.
3. F'denunzja addizzjonali li titratta l-wirt ta' Vincenzo Desira (fol. 67) tissemma ghalqa tal-Miksura. Fid-dokumenti tal-Kurja jissemma wkoll Vincenzo Desira fir-rigward ta' art tal-Irqajja (fol. 206) fejn jinghad *"Michele Caruana suo erede. Vincenzo Desira succeduto a detto Caruana"*. Mill-kuntratt ta' akkwist tal-24 ta' Gunju 1909 jirrizulta li Desira akkwista minghand Caruana.
4. Fit-22 ta' Frar 1959 Vincenzo Desira ghamel testment (fol. 97), atti nutar Dr Robert Girard, fejn ipprovda li Rosina Seychell m'hijiex werrieta tieghu u ghandha tiehu biss il-legittima.
5. Rosina Seychell mietet fl-10 ta' Ottubru 1994. M'hemmx kontestazzjoni li l-konvenuti, ulied Rosina Seychell, huma s-successuri taghha.
6. Fit-22 ta' Awissu 2005 il-konvenuti pprezentaw cedola ta' fidi ta' cens (numru 823/2005) li biha fdew cens ta' Lm1.50 fuq l-ghalqa fuq imsemmija (fol. 72). Mac-cedola ma kienx hemm pjanta annessa li tidentifika l-art li dwarha kien qieghed jinfeda c-cens.
7. Fit-22 ta' Settembru 2006 il-konvenuti pprezentaw nota fl-atti tac-cedola 823/2005 flimkien ma' pjanta u ritratt mill-ajru fejn identifikaw l-art li dwarha fdew ic-cens. Dawn id-dokumenti ma jinsabux fl-atti. Peress li c-cedola ta' fidi 823/2005 hu att gudizzjarju, il-qorti rat l-atti originali. Jirrizulta li d-dokumenti jirreferu ghall-art li hi meritu tal-kawza u mhux ghal dik ta' ma' gembha kif qalu l-konvenut Joseph Seychell u ohtu Michelina Buttigieg.
8. Il-Gvern qatt ma sbanka l-flus. Vincent Gilson li kien direttur tal-Ufficcju Kongunt spjega: *"…ahna qatt ma rtirajna l-ammont ta' flus li kienu gew depozitati fil-Qorti minhabba l-kwistjonijiet li hemm bejn il-familjari. Ic-cedola numru hija 823/2005"* (fol. 229).

**Konsiderazzjonijiet**.

1. Il-qorti tibda biex tghid li d-Direttur Qrati Civili u Tribunali gie mharrek inutilment gialadarba m'huwiex parti ghac-cedola ta' fidi 823/2005. 'Il fatt li c-cedola mpunjata giet prezentata fil-Prim'Awla ma kienx jehtieg li dan il-konvenut jkun parti f'din il-kawza. Dan il-konvenut gie mharrek bla bzonn u ghalhekk ser jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Ghal dak li jikkoncerna l-Ufficcju Kongunt, il-qorti temmen li l-presenza tieghu hi mehtiega ghaliex hu parti ghac-cedola ta' fidi 823/2005. Hu veru li mit-talbiet tar-rikors guramentat jirrizulta li l-pretensjoni tal-atturi hi kontra l-werrieta ta' Rosina Seychell, pero' billi d-direttarju huwa l-Gvern allura l-presenza tieghu f'dan il-procediment hi flokha. Presenza li tfisser li l-gudizzju jorbtu wkoll. Ovvjament dan il-konvenut m'ghandux jaghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji peress li ma ghamel xejn hazin.

3. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma wegibx, ghalkemm gie notifikat bl-atti. Il-qorti ma tarax li hemm xi htiega li taghmel xi dikjarazzjoni fir-rigward ta' dan il-konvenut gialadarba hu evidenti li l-atturi m'huma jivvantaw l-ebda pretensjoni kontra tieghu.

4. Michelina Buttigieg, ghalkemm m'hijiex wahda mill-konvenuti, hi bint Rosina Seychell. Meta xehdet tat x'tifhem li c-cedola ta' fidi ta' cens tikkoncerna l-porzjon art ma' gemb dik meritu tal-kawza, u li hi murija f'pjanta Dok. MB1 li pprezentat meta xehedet waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2012 (fol. 220) u delineata bil-kulur orancjo. Fl-affidavit qalet hekk:

   *"Illi in segwitu ta' din ic-cedola ta' fidi ta' cens ahna konna pprezentajna nota li fiha kien hemm site plan li kienet tindika l-ghalqa ta' l-Irqajja. Illi minn din is-site plan l-art li hija maghrufa bhala tal-Miskura hija l-art biswit dik li hija ta' l-Irqajja. Jien niftakar lil hija Consiglio jahdem l-art tal-Miksura madwar tmienja u tletin (38) sena ilu u niftakar li ommi kienet baqghet thallas piz piju fuqha sa mewtha. Ahna ghadna sal-lum inhallsu dan il-piz piju fuqha din l-art li jisimha tal-Miksura. Dan inhallsuh lill-Kappillan taz-Zejtun u nhallsu zewg liri u nofs (Lm2.50c) fis-sena u fil-fatt il-Kappillan stess baghat ghalina biex ahna nifduh, is-sena l-ohra (2011) f'Awissu.* ***Din l-art pero' m'ghandha x'taqsam xejn ma' dik l-art li ahna fdejna c-cens fuqha"*** (enfazi tal-qorti, fol. 143-144).

   Il-konvenut Joseph Seychell xehed li c-cedola ta' fidi oggett tal-kawza kienet tirreferi ghall-porzjon art li dwarha dejjem kienet thallas ic-cens ommu Rosina Seychell; *"L-art illi qed nitkellmu fuqha qed tigi prezentata kopja tal-pjanta taghha ma' dan l-affidavit tieghi bhala Dok. JS2, li hija mmarkata bl-ahmar"* (fol. 141). L-art markata fil-pjanta Dok. JS2 (fol. 149) m'hijiex meritu ta' din il-kawza.

Minkejja dak li xehedu Joseph Seychell u Michelina Buttigieg, mill-pjanti li pprezentaw il-konvenuti fl-atti tac-cedola ta' fidi 823/2005, irrizulta mod iehor fis-sens li c-cedola ta' fidi in kwistjoni tirreferi ghall-art meritu tal-kawza u mhux dik murija bil-kulur ahmar fid-dokument JS2 a fol. 149. Ghalhekk meta xehedu taw taghrif li ma jirriflettix il-verita'.

5. Vincent Gilson spjega li skond ir-records tad-Ufficcju Kongunt ic-cens perpetwu fuq l-art delineata bil-kulur ahdar fil-pjanta MB1 a fol. 220, kien infeda b'cedola numru 823/2005 prezentata fit-22 ta' Awissu 2005 (fol. 229). Kopja ta' kuntratt f'isem Rosina Seychell ma giexipprezentat. Gew prezentati ricevuti ta' hlas ta' cens f'isem Rosina Seychell li jmorru lura sal-1990 (fol. 151-160) fis-somma ta' Lm1.50 kull sena. Li l-qorti ghandha d-dubju hu jekk dawn ir-ricevuti humiex jirreferu ghall-art meritu tal-kawza jew dik li fid-dokument MB1 hi delineata bil-kulur orancjo (fol. 220). Ricevuti li whud minnhom gew prezentati wkoll minn Raymond Bonnici, *property manager* tal-Kurja (fol. 201-202). Il-qorti ghandha d-dubju peress li dan ix-xhud ipprezenta kopja ta' skizz antik ta' porzjon art tal-Irqajja (fol. 192) li fiha 10 itmiem u 3 misuri. L-art murija f'dan l-iskizz m'hijiex dik meritu tal-kawza izda dik li fil-pjanta Dok. MB1 (fol. 220) hi delineata bil-kulur orancjo u li dwarha Michelina Buttigieg qalet li hi oggett tac-cedola 823/2005. Min-naha l-ohra pero Vincent Gilson, li kien Direttur tal-Ufficcju Kongunt, xehed darbtejn (seduta tal-15 ta' Marzu 2013 u 28 ta' Mejju 2013). Wara li l-ewwel darba qal li kien ser jaghmel verifiki dwar l-art in kwistjoni, cjoe' dik delineata bil-kulur ahdar fil-pjanta a fol. 220, meta xehed fit-28 ta' Mejju 2013 qal:-

*"Dwar l-art li hija delineata bil-kulur ahdar u li tinsab fid-dokument MB1 (fol. 220) fir-records tad-Dipartiment hi registrata bhala ghalqa tal-Irqajja, San Tumas limiti ta' Wied il-Ghajn. Skond ir-records taghna ghandna li din l-ghalqa kienet b'cens perpetwu ghand Rosina Seychell. Ghandna wkoll notatment li din kienet infdiet perme ta' cedola ta' fidi. Madankollu ahna qatt ma rtirajna l-ammont ta' flus li kienu gew depozitati fil-Qorti minhabba il-kwistjonijiet li hemm bejn il-familjari. Ic-cedola numru hija 823/2005…. Qed nipprezenta dokument li qed jigi mmarkat bhala Dok VG1A. Hija summary tal-informazzjoni li ghandna fid-database taghna."* (fol. 228-229).

Hafna mit-taghrif li hemm fid-Dokument VG1A (fol. 231) huwa l-istess taghrif li hemm fil-Property Form tal-Kurja (Dok. VG1 a fol. 171).
Madankollu ukoll jekk ir-ricevuti qeghdin jirreferu ghall-art meritu tal-kawza, il-qorti tosserva:

(a) Hemm ricevuti ta' qabel is-sena 1990 li nhargu f'isem Giuseppi Desira (snin 1973-1984) u Angelo Desira ghas-snin 1985-1988 (fol. 200-201). Dawn kienu ahwa ta' Rosina Seychell (ara deposizzjoni ta' Michelina Buttigeg, seduta tat-22 ta' Ottubru 2012, fol. 207). Dan fih innifsu jaghti lill-qorti x'tifhem li l-art kienet fil-familja Desira u Rosina Seychell kienet qeghda sempliciment thallas ic-cens.

(b) Ic-cedola ta' fidi saret fir-rigward tal-art li hi meritu tal-kawza u mhux l-art li ghamlet riferenza ghaliha Michelina Buttigieg.
(c) Ricevuta hi biss konferma li sar il-hlas. M'huwiex id-dokument li jaghti d-dritt reali fuq il-proprjeta.

6. Michelina Buttigieg xehedet li fuq l-art meritu tal-kawza, li bhall-atturi tirreferi ghaliha bhala tal-Miksura, ommha kienet thallas is-somma ta' Lm2.50 fis-sena bhala piz. F'dan ir-rigward ma gewx prezentati ricevuti, ghalkemm hemm ricevuta wahda f'isem eredi ta' Angelo Desira, wiehed minn ulied Vincenzo Desira, u tkompli "c/o Rita Mercieca", li hi wahda mill-konvenuti. Ricevuta li tirreferi ghas-sena 2005 (fol. 71). Pero' l-atturi pprezentaw ricevuti li juru li bejn is-sena 1979-1983, il-hlas tal-piz sar minn Giuseppi Desira (ara dokumenti a fol. 213), wiehed mit-tfal ta' Vincenzo Desira. F'kull kaz jekk Rosina Seychell kienet qeghda thallas piz fuq l-art oggett tal-kawza u tinghata ricevuta, b'daqshekk ma jfissirx li t-titolu ta' enfitewsi perpetwa jsejjah lilha. Inoltre l-konvenut Joseph Seychell xehed li l-art meritu tal-kawza jiftakarha tinhadem minn Vincenzo Desira, nannuh (ara paragrafu 3 tal-affidavit, fol. 141). Indizju iehor li l-familja Desira ghandha titolu fuq l-art.

7. Mill-provi li semghet u d-dokumenti li gew prezentati l-qorti tikkonkludi li fuq bazi ta' probabilita' l-art oggett tal-kawza hi l-art oggett tal-kuntratt tal-1909. Jidher li dak il-kuntratt m'huwiex jirreferi ghall-porzjon art tal-Irqajja delineata bil-kulur orancjo fil-pjanta MB1 a fol. 220 peress li l-art li akkwista Vincenzo Desira fiha sebat itmiem filwaqt li l-ohra fiha iktar minn ghaxart itmiem (11,502 metri kwadri, ara kejl dikjarat f'Dok. MB1). Titolu li kien kompriz fil-wirt ta' Vincenzo Desira. Il-konvenut Joseph Seychell stess xehed li l-art in kwistjoni, li wkoll jirreferi ghaliha bhala tal-Miksura, fiha kejl ta' sebat itmiem (fol. 218) cjoe' l-istess kejl li jissemma fil-kuntratt ta' akkwist ta' Vincenzo Desira. Ghalkemm Rosina Seychell kellha biss jedd ghal-legittima mill-wirt ta' missierha, m'huwiex car jekk Vincenzo Desira akkwistax l-art fiz-zwieg. Jekk l-akkwist sar fiz-zwieg, ifisser li Rosina Seychell li kienet wahda mill-werrieta ta' ommha (ara t-testment *unica charta* li sar bejn Vincenzo Desira u Angela Desira fil-31 ta' Jannar 1954, fol. 96), kellha jeddijiet bhal hutha l-ohra. Billi fir-rikors guramentat l-atturi ddikjaraw li t-tieni talba saret b'mod alternattiv, m'hemmx htiega li l-qorti taghmel dikjarazzjoni dwarha. F'kull kaz ghar-raguni li nghatat hawn fuq, tibqa' mpregudikata l-materja dwar jekk il-konvenuti, bhala werrieta ta' Rosina Seychell, ghandhomx jeddijiet fuq l-enfitewsi perpetwa tal-art oggett ta' din il-kawza.

**Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju**.
2. **Tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tad-Direttur tal-Ufficcju Kongunt, bl-ispejjez kontra tieghu.**

3. **Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Seychell et.**
4. **Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li c-cedola numru 823/2005 prezentata fit-22 ta' Awissu 2005 m'hijiex valida.**
5. **Fir-rigward tat-tieni talba m'hemmx htiega li taghmel dikjarazzjoni minhabba dak li nghad hawn fuq.**

**Spejjez, inkluzi dawk tal-Ufficcju Kongunt, jinqasmu 25% a karigu tal-atturi u 75% a karigu tal-konvenuti, b'dan li l-ispejjez relatati mal-konvenut Direttur Qrati Civili u Tribunali huma a karigu tal-atturi. L-atturi gew ikkundannati jaghmu tajjeb ghal parti mill-ispejjez minhabba li mill-atti hu evidenti li l-proceduri twalu bla bzonn minhabba li hadu zmien ezagerat sabiex ipprezentaw id-dokumenti in sostenn ta' dak li talbu**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------